# In-Niċċa tad-Duluri fil-Gudja

## li kien jieħu ħsiebha Chev. Dr. George Borg, M.D.

Bil-mewt tat-tabib Ġorġ Borg, li kien joqgħod Ħal Luqa, fl-aħħar ġranet ta' April ta' din is-sena, il-ħsibijiet ta' xi wħud li kienu qrib tiegħu marru fuq in-niċċa tad-Duluri , li tinstab fit-tarf tal-Gudja f'kantuniera bejn żewġ toroq, waħda li tagħti għal Ħal Għaxaq u l-oħra għal Ħal Tarxien. Dawn staqsew issa x'se jiġri min-niċċa tad-Duluri. Meta saħħtu kienet tippermettilu, it-tabib George dejjem kien jagħti titwila lin-niċċa, jgħid talba fil-kwiet quddiemha, jara jekk jonqosx xi ħaġa, u jitlaq lura lejn id-dar f'Ħal Luqa. Staqsejna lill-armla tat-tabib u qaltilna li issa n-niċċa se tibda tiġi ndukrata mit-tfal tat-tabib, u qaltilna li jekk ikun meħtieġ, jittawlu darba kull wieħed.



Meta kiteb dwar kif oriġinat din in-niċċa, t-tabib kien ċar f' kitbietu. Ħuwa jgħid li

"In-niċċa u l-Istatwa tad-Duluri tal-Gudja ġiet imwaqqfa min-nannu tiegħi Giuseppe Galdes, li kien devot ħafna tal-Madonna, Maria Santissima. Hu għamilha bħala wegħda tal-għajnuna spiritwali li tagħtu biex ikun jista' jegħleb id-dwejjaq u l-inkwiet li ltaqa' magħhom fil-bidu ta' ħajtu miżżewġa.

Hu kellu xogħol ta' sensar, li kien jikkonsisti fix-xiri tal-patata minn għand il-bdiewa għall-esportatura li kienu jsifruha għal barra.

Ġara li għall-ħabta tas-snin 1880, ġie mqabbad minn esportatur biex jixtrilu l-patata tas-sajf għas-safar. Dan l-esportatur kienu jgħidulu l-Ħamraman u kien mill-Ħamrun. Hekk kienet qaltli z-zija Rosi li magħha jien u ħija trabbejna. Ommi li kien jisimha Maria Dolores għall-Madonna tad-Duluri lanqas kienet tafu lil missierha għax kienet żgħira meta miet.

Dan il-"Ħamraman" wara li l-nannu niżżillu l-patata x-xatt, sifirha, tħallas tagħha, u ħarab inkiss inkiss u ħadd ma rah iżjed. Uħud jgħidu li mar joqgħod f'Tunes. Għalhekk in-nannu ma tħallasx ta' xogħolu u lanqas il-bdiewa ma ħadu flushom.

Imma l-bdiewa lin-nannu kienu jafuh u dan ġieblu inkwiet kbir għax ippretendew li għandu jtihom flushom.

F'dawk iż-żminijiet ta' dwejjaq u li ma jafx x'se jaqbad jagħmel, talab lill-Madonna tgħinu u bħala tifkira qabbad lill-iskultur Faurie Buse jagħmillu statwa tal-Madonan tad-Duluri u poġġieha fid-daħla prinċipali tal-Gudja.

Fuq lapida tar-rħam fil-faċċata taħt l-istatwa hemm imnaqqax li din ġiet imbierka minn Mons. P. Pace, Arċisqof ta' Rhodi u Isqof ta' Malta, fil-21 ta' Jannar, 1892, fil-vista li hu għamel fil-Gudja u li ta indulgenza ta' 40 jum għal min jgħid Salve Regina quddiemha.

Wara ftit snin li lestiha, in-nannu miet u baqa' jieħu ħsiebha z-ziju Gio Maria Galdes. Niftakar li meta kont tifel, ġie li mort miegħu biex nixgħeluha, għax kull fil-għaxija, sew f'bard, irxiex jew bnazzi, dejjem kien imur. Kien joħroġ sellum minn ġo karma żgħira taħtha, jitla' jferra ż-żejt ġo tazza fil-fanal sabiħ li kellha quddiemha u jkebbes daqxejn ta' lumina fuq iż-żejt.

Meta miet fl-1967, bdejt nieħu ħsiebha jien. Jum wieħed fl-1969, ġew jgħiduli li qegħdin iwaqqgħu d-Duluri. Inħsadt għax ħadd ma kien avżani qabel. Mort niġri u sibt sitta minn nies li diġà kienu waqqgħu il-ħnejja ta' fuq. Ma ħallejthomx ikomplu jaħdmu u ħedditthom bil-qorti. Morna l-għassa tal-pulizija u dawn ċemplu lill-Ministru Carmelo Caruana li kien inkarigat mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet u qalulu x'ġara. Dan ried ikellimni u qalli "tinkwieta xejn għax nerġa' nagħmilhielek kif trid.



L-Istatwa u l-ġebel tagħha ordnajtilhom jerfgħuh u għamluha, kollox kif kienet qabel. Però il-fanal ma nstabx meta ġew biex ilestuha! Kull ma żidt jien kien il-kliem ta' fuq "Omm id-Duluri sabbarna", għax dik il-ħabta laqtitni marda kiefra, u tlabtha ssabbarni meta kont inħoss l-uġiegħ.